**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 56**

**L-ERBGHA 27 TA' APRIL 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud kienu skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Is- Sindku kien indipost peress li kellu jkun imsifer b' mod urgenti.

Ghal din il-laqgha kien hemm prezenti wkoll l-Accountant.

**Il-Vici Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 55 gew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ppropona u l-Kunsillier C. Said issekondat.

Il-Vici Sindku talab sabiex ssir ssospenzjoni biex l-Accountanttal-Kunsill jkun jista' jispjega l-aggustamenti tar-rapport finanzjajru. Il-hin kien 5.45pm.

## II APPROVAZZJONI TA' L-AGGUSTAMENTI GHALL-FINANCIAL STATEMENTS

L-Accountant tal-Kunsill spjega fid-dettal kull agustament li sar fl-ahhar verzjoni tar-rapport finanzjarju ghas-sena 2014. Il-Vici Sindku ppropona sabiex dawn jigu approvati u l-Kunsillier C. Said issekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Dwar il-proposti anessi ma' dawn il-Minuti bhala App A. mill-Kunsillier M. Fava dwar it-tnaqqis u l-bilanc ta' kull fond, gie deciz li din ssir mill-Accountant tal-Kunsill kull kwart tas-sena.

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru. 87, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App. B), il-pagamenti kollha gew approvati minn dawk prezenti. Il-Kunsillier A. Curmi ippropona u l-Kunsillieri P. Fenech u C. Said issekondaw.

Wara diskuzzjoni, gie deciz li s-Seduta ta' wara l-Hatra tal-guramenti tigi skedata ghal nhar it-Tnejn fit-18 ta' Mejju 2015 fil-5pm.

Din il-laqgha spiccat fis- 6.15pm.